REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/652

tal-10 ta' Frar 2021

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fir-rigward tal-attivitajiet u tal-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 37(a)(ii) u (vi), (b), (c)(i) u (ii) u (d), l-Artikolu 173(1)(f), l-Artikolu 223(2)(a) u l-Artikolu 231(1) tiegħu,

Billi:

(1) It-Titolu II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 ([2]) jistabbilixxi regoli ġodda dwar l-attivitajiet u l-programmi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex.

(2) L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jesternalizzaw ċerti attivitajiet. F'xi Stati Membri, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma kumpaniji kbar, li spiss ikollhom livelli multipli ta' sussidjarji. Id-dispożizzjonijiet dwar l-esternalizzazzjoni jenħtieġ għalhekk li jiġu fformulati mill-ġdid biex ikopru sitwazzjonijiet fejn l-attivitajiet jiġu esternalizzati lil entitajiet li jkunu relatati mill-qrib mal-produttur.

(3) F'dawn l-aħħar snin, il-produzzjoni tal-faqqiegħ ma għadhiex limitata għall-varjetà tal-ġeneru *Agaricus*. L-organizzazzjonijiet ta' produtturi speċjalizzati fil-produzzjoni tal-faqqiegħ jipproduċu varjetajiet oħra ta' faqqiegħ ikkultivat bħal *Pleurotus*, *Shiitaké* u *Agrocybe*, li jirriflettu l-ħtieġa tas-suq u l-aspettattivi tal-konsumaturi. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-bażi għall-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' faqqiegħ maħsub għall-ipproċessar jenħtieġ li jiġi estiż sabiex ikopri aktar varjetajiet ta' faqqiegħ ikkultivati.

(4) F'konformità mal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni għall-politika agrikola komuni (PAK) futura, l-iskema ta' għajnuna għall-frott u l-ħxejjex trid tiġi integrata fil-pjanijiet strateġiċi futuri tal-PAK tal-Istati Membri. Sakemm jiġu adottati dawk il-proposti, ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji fir-rigward tas-snin 2021 u 2022. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata integrazzjoni bla xkiel ta' dik l-iskema ta' għajnuna fil-PAK futura, il-programmi operattivi eżistenti fis-settur tal-frott u l-ħaxix li ma laħqux it-tul ta' żmien massimu tagħhom ta' ħames snin jistgħu jiġu estiżi biss sal-31 ta' Diċembru 2022. Barra

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

minn hekk, il-programmi operattivi l-ġodda fis-settur tal-frott u l-ħaxix jistgħu jiġu approvati biss għal tul ta' żmien massimu ta' tliet snin. Billi l-programmi operattivi inkwistjoni jridu jikkonformaw mal-istrateġija nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jestendu l-istrateġija nazzjonali tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2025.

(5) L-indennizz tal-assigurazzjoni li jingħata f'ċerti każijiet ta' tnaqqis fil-produzzjoni jista" jiddaħħal fil-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata. Jixraq li jiġi ċċarat meta għandu jiġi inkluż, jiġifieri fil-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tal-perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar li fih fil-fatt jitħallas.

(6) L-infiq fil-kuntest tal-programmi operattivi eliġibbli għall-għajnuna għandu jkun ristrett għall-ispejjeż li effettivament ikunu saru. Madankollu, għall-fini tal-approvazzjoni tal-infiq fuq azzjonijiet u miżuri fil-qafas tal-programmi operattivi, l-użu mill-Istati Membri ta' rati fissi, skali ta' spejjeż għal kull unità jew somom f'daqqa jenħtieġ li jkun allinjat mar-regoli dwar il-programmi tal-iżvilupp rurali.

(7) Il-Kapitolu III tat-Titolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fih regoli dwar miżuri għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet, inkluż fost l-oħrajn l-irtirar mis-suq. Fir-Rapport Speċjali Nru 23/2019 tiegħu "Stabbilizzazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa: sett komprensiv ta' għodod, iżda l-istrumenti ftit li xejn jintużaw u jeħtieġ li jiġi indirizzat il-kumpens eċċessiv" tal-5 ta' Diċembru 2019 ([4]), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qajmet tħassib dwar xi aspetti tal-iskema tal-irtirar tal-frott u l-ħxejjex, b'mod partikolari għall-prodotti pproċessati magħmula minn prodotti rtirati li jistgħu jwasslu għal kumpens eċċessiv. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tirrakkomanda li tiġi stabbilita assistenza finanzjarja massima tal-Unjoni għall-irtirar għad-distribuzzjoni bla ħlas ta' frott u ħxejjex ipproċessati bil-ħsieb li jiġi evitat kull effett possibbli ta' kumpens eċċessiv. Għal dik ir-raġuni, id-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għall-irtirar mis-suq għad-distribuzzjoni bla ħlas ta' frott u ħxejjex ipproċessati jenħtieġ li jagħmluha ċara li l-pagamenti li jsiru lill-proċessuri għandhom jikkumpensaw biss għall-ispejjeż tal-ipproċessar u għandhom jeskludu l-kumpens eċċessiv.

(8) Jenħtieġ li r-regoli dwar l-appoġġ għall-irtirar mis-suq relatat mal-applikazzjoni tal-limitu ta' 5 % tal-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzata jiġu ċċarati.

(9) Filwaqt li jitqies li huwa importanti li l-istrumenti jiġu razzjonalizzati, simplifikati u kkoordinati aħjar u jiġu kkumplimentati b'azzjonijiet ġodda fejn meħtieġ, id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-ħsad jenħtieġ li jiġu allinjati mar-regoli dwar il-programmi ta' żvilupp rurali.

(10) Bil-ħsieb li l-miżura ta' kkowċjar issir aktar attraenti bħala miżura għall-prevenzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet, jenħtieġ li jittaffew il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà relatati mar-riċevitur tal-ikkowċjar.

(11) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma obbligati jevalwaw l-implimentazzjoni tal-programmi operattivi tagħhom. Billi l-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 ([5]) ġie sostitwit, ir-referenza għal dak l-Artikolu jenħtieġ li titħassar fir-regoli dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni fir-Regolament Delegat (UE) 2017/891.

(12) Xi dispożizzjonijiet tranżitorji ma għadhomx jgħoddu u għalhekk jenħtieġ li jitneħħew.

(13) Skont l-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-medja ponderata tal-prezzijiet tal-produtturi tal-frott u l-ħxejjex irreġistrati li jikkorrispondu mat-tipi u l-varjetajiet ta' prodotti, mad-daqsijiet u mal-preżentazzjonijiet, kif speċifikat fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. Sabiex tiġi riflessa b'mod preċiż is-sitwazzjoni tas-suq, jenħtieġ li jiġu aġġornati d-dettalji dwar it-"tip/varjetà", il-"preżentazzjoni/daqs" u s-"swieq rappreżentattivi" relatati mat-tadam u t-tuffieħ, kif speċifikat f'dak l-Anness. Barra minn hekk, sabiex is-sistema ta' notifika tal-prezzijiet prevista fir-Regolament Delegat (UE) 2017/891 tiġi

([4]) ECA SR 23/2019 – Rapport Speċjali dwar l-istabbilizzazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa: sett komprensiv ta' għodod, iżda l-istrumenti ftit li xejn jintużaw u jeħtieġ li jiġi indirizzat il-kumpens eċċessiv – https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=52395.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 tat-13 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 57).

allinjata kemm jista' jkun mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 ([6]), il-lista tal-prodotti li għalihom l-Istati Membri jridu jinnotifikaw il-prezzijiet ta' kull ġimgħa lill-Kummissjoni jenħtieġ li titqassar minn 32 għal 16-il prodott. Dik il-lista limitata ta' 16-il prodott tkun identika għal-lista ta' prodotti stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891. Fl-aħħar nett, ir-Renju Unit jenħtieġ li jitħassar mil-lista ta' "swieq rappreżentattivi".

(14) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2017/891

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/891 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet tal-Artikolu 155 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, it-terminu 'sussidjarja' jinkludi kwalunkwe entità f'katina ta' sussidjarji. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu l-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet lil entità li hija parti minn katina ta' sussidjarji.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Organizzazzjoni tal-produtturi li testernalizza attività għandha tidħol f'arranġament kummerċjali bil-miktub permezz ta' kuntratt, ftehim jew protokoll ma' entità oħra, inkluż ma' wieħed jew aktar mill-membri tagħha jew ma' kumpanija sussidjarja jew ma' entità li hija parti minn katina ta' sussidjarji, bl-iskop li twettaq l-attività kkonċernata. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha tibqa' responsabbli li tiżgura t-twettiq tal-attività esternalizzata u għall-kontroll tal-ġestjoni ġenerali u s-superviżjoni tal-arranġament kummerċjali għat-twettiq tal-attività.

Madankollu, l-attività għandha titqies li twettqet mill-organizzazzjoni tal-produtturi jekk titwettaq minn assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew minn kooperattiva li l-membri stess tagħha huma kooperattivi li fihom l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun membru, jew minn kumpanija sussidjarja, jew minn entità li hija parti minn katina ta' sussidjarji, li tkun konformi mar-rekwiżit ta' 90 % msemmi fl-Artikolu 22(8).";

(2) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) 70 % għall-faqqiegħ tal-bott tal-*Agaricus bisporus* u faqqiegħ ieħor ikkultivat ippreservat fis-salmura;";

(b) il-paragrafu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"10. Meta jseħħ tnaqqis fil-produzzjoni minħabba diżastru naturali, avveniment klimatiku, mard tal-pjanti jew tal-annimali jew infestazzjoni ta' organiżmi ta' ħsara, kull indennifikazzjoni li tingħata fir-rigward tal-azzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-ħsad koperti mit-Taqsima 7 tal-Kapitolu III, jew għal azzjonijiet ekwivalenti ġestiti mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew mill-membri produtturi tagħha, minħabba dawk il-kawżi, tista' tiġi inkluża fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tal-perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar li fih fil-fatt jitħallas.";

(3) fl-Artikolu 27, għandu jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-istrateġija nazzjonali tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2025. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'tali deċiżjoni ta' estensjoni.";

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113).

(4) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-infiq fil-kuntest tal-programmi operattivi eliġibbli għall-għajnuna għandu jkun ristrett għall-ispejjeż li effettivament ikunu saru.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rati fissi standard, skali ta' spejjeż għal kull unità jew somom f'daqqa, ħlief għall-infiq marbut ma' miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni ta' kriżijiet.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jużaw rati fissi standard differenzjati, skali ta' spejjeż għal kull unità jew somom f'daqqa biex iqisu l-ispeċifiċitajiet reġjonali jew lokali.";

(5) L-Artikolu 45 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Is-somma tal-ispejjeż tat-trasport, tal-issortjar u tal-imballaġġ tal-prodotti rtirati għad-distribuzzjoni bla ħlas tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati msemmija fl-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 u fl-Annessi IV u V ta' dak ir-Regolament, miżjuda mal-ammont massimu ta' appoġġ għall-irtirar mis-suq imsemmi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ma għandhiex taqbeż il-prezz medju tas-suq "mal-ħruġ mill-organizzazzjoni tal-produtturi" jew "mal-ħruġ mill-proċessur" tal-prodott ipproċessat ikkonċernat fl-aħħar tliet snin preċedenti.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Is-sehem tal-irtirar mis-suq ta' kwalunkwe prodott partikolari ta' kwalunkwe organizzazzjoni tal-produtturi partikolari li jsir f'sena partikolari għandu jkun kif ġej:

(a) m'għandux jaqbeż l-10 % tal-volum medju tal-produzzjoni kkummerċjalizzata minn dik l-organizzazzjoni tal-produtturi matul it-tliet snin preċedenti; kif ukoll

(b) b'kollox, it-total tal-perċentwali matul tliet snin konsekuttivi m'għandux jaqbeż il-15 meta jiżdied is-sehem ikkalkulat skont il-punt (a) għas-sena kurrenti u l-ishma tal-irtirar mis-suq tas-sentejn preċedenti kkalkulati abbażi tal-volum rispettiv tal-produzzjoni kkummerċjalizzata minn dik l-organizzazzjoni tal-produtturi matul dawk is-sentejn preċedenti.

Jekk l-informazzjoni dwar il-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għal xi waħda mis-snin ta' qabel jew għalihom kollha ma tkunx disponibbli, għandu jintuża l-volum tal-produzzjoni kkummerċjalizzata li għalih l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun ġiet rikonoxxuta.

Madankollu, l-ammonti tal-irtirar li jitneħħew b'wieħed mill-modi msemmija fl-Artikolu 34(4) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, jew bi kwalunkwe mod ieħor approvat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 46(2) ta' dan ir-Regolament, ma għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni f'dak il-proporzjon.";

(6) fl-Artikolu 51, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament nazzjonali addizzjonali sabiex jappoġġaw l-azzjonijiet għall-assigurazzjoni tal-ħsad li jkunu qed jibbenifikaw mill-fond operattiv. Madankollu, l-appoġġ pubbliku totali għall-assigurazzjoni tal-ħsad ma għandux jaqbeż it-80 % tal-ispiża tal-premiums tal-assigurazzjoni mħallsa mill-produtturi għall-assigurazzjoni kontra t-telf.";

(7) fl-Artikolu 51a, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ir-riċevitur ta' kkowċjar għandu jkun organizzazzjoni tal-produtturi rikonoxxuta, grupp ta' produtturi jew il-produtturi individwali, li ma jkunux membri ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew tal-assoċjazzjonijiet tagħhom.";

(8) fl-Artikolu 57(3), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-evalwazzjoni għandha tieħu l-forma ta' rapport fis-sena ta' qabel tal-aħħar tal-implimentazzjoni tal-programm operattiv.";

(9) fl-Artikolu 80 jitħassru l-paragrafi 2 u 3;

(10) L-Annessi II, III u VI ġew emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi II, III u VI tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, il-punt 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"19. Investimenti jew tipi ta' azzjonijiet simili mhux fuq l-azjendi u/jew l-istabbilimenti tal-organizzazzjoni tal-produtturi, tal-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew tal-membri produtturi tagħhom jew ta' kumpanija sussidjarja jew entità li tkun parti minn katina ta' sussidjarji fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(8).";

(2) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1, l-aħħar paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal kull kategorija ta' spejjeż eliġibbli msemmija fl-ewwel paragrafu, sabiex jiġu kkalkolati l-ispejjeż addizzjonali mqabbla ma' dawk konvenzjonali, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu rati fissi standard, skali ta' spejjeż għal kull unità jew somom f'daqqa.";

(b) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ispejjeż tal-laqgħat u tal-programmi ta' taħriġ meta dawn ikunu relatati mal-programm operattiv, inklużi l-allowances ta' kuljum, l-ispejjeż tat-trasport u tal-akkomodazzjoni.";

(3) L-Anness VI huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS VI*

Notifika tal-prezzijiet imsemmija fl-Artikolu 55(1)

Prodott	Tip/varjetà	Preżentazzjoni/daqs	Swieq Rappreżentattivi
Tadam	Tond	Daqs 47-102 mm, fi kwantità kbira, f'pakketti ta' madwar 5 jew 6 kg	Il-Belġju Il-Bulgarija Il-Ġermanja Il-Greċja Spanja Franza L-Italja L-Ungerija In-Netherlands Il-Polonja Il-Portugall Ir-Rumanija
	Fl-għenieqed	Kull tip ta' għenieqed, iżda biss jekk id-daqs medju tat-tadam individwali jkun 47 mm jew iżjed, f'pakketti ta' 5 jew 6 kg	
	Speċjali/Ċirasa	Tadam mhux ippakkjat jew tadam fl-għenieqed, tadam speċjali, iżda biss jekk id-daqs medju tat-tadam individwali jkun inqas minn 47 mm (40 mm fil-każ tat-tadam ċirasa), f'pakketti ta' madwar 250-500 g	
Berquq	It-tipi u l-varjetajiet kollha	Daqs 45-50 mm Tilari jew pakketti ta' madwar 6-10 kg	Il-Bulgarija Il-Greċja Spanja Franza L-Italja L-Ungerija
Nuċiprisk	Laħma bajda	Daqs A/B Tilari jew pakketti ta' madwar 6-10 kg	Il-Greċja Spanja Franza L-Italja
	Laħma safra	Daqs A/B Tilari jew pakketti ta' madwar 6-10 kg	

Ħawħ	Laħma bajda	Daqs A/B Tilari jew pakketti ta' madwar 6-10 kg	Il-Greċja Spanja Franza L-Italja L-Ungerija Il-Portugall
	Laħma safra	Daqs A/B Tilari jew pakketti ta' madwar 6-10 kg	
Għeneb tal-mejda	It-tipi u l-varjetajiet kollha biż-żerriegħa	Tilari jew pakketti ta' 1 kg	Il-Greċja Spanja Franza L-Italja L-Ungerija Il-Portugall
	It-tipi u l-varjetajiet kollha mingħajr żerriegħa	Tilari jew pakketti ta' 1 kg	
Lanġas	Blanquilla	Daqs 55/60, pakketti ta' madwar 5-10 kg	Il-Belġju Il-Greċja Spanja Franza L-Italja L-Ungerija In-Netherlands Il-Polonja Il-Portugall
	Conference	Daqs 60/65+, pakketti ta' madwar 5-10 kg	
	Williams	Daqs 65+/75+, pakketti ta' madwar 5-10 kg	
	Rocha		
	Abbé Fétel	Daqs 70/75, pakketti ta' madwar 5-10 kg	
	Kaiser		
	Doyenné du Comice	Daqs 75/90, pakketti ta' madwar 5-10 kg	
Tuffieħ	Braeburn	Daqs 65/80, pakketti ta' madwar 5-20 kg	Il-Belġju Iċ-Ċekja Il-Ġermanja Il-Greċja Spanja Franza L-Italja L-Ungerija In-Netherlands L-Awstrija Il-Polonja Il-Portugall Ir-Rumanija
	Cox orange Elstar Gala Golden delicious		
	Jonagold (jew Jonagored) Idared Fuji		
	Shampion		
	Granny smith Red delicious u varjetajiet ħomor oħrajn Boskoop		
Satsumi	Il-varjetajiet kollha	Daqsijiet 1-X -3, pakketti ta' madwar 10-20 kg	Spanja
Lumi	Il-varjetajiet kollha	Daqsijiet 3-4, pakketti ta' madwar 10-20 kg	Il-Greċja Spanja L-Italja
Klementina	Il-varjetajiet kollha	Daqsijiet 1-X -3, pakketti ta' madwar 10-20 kg	Il-Greċja Spanja L-Italja
Mandolin	Il-varjetajiet kollha	Daqsijiet 1-2, pakketti ta' madwar 10-20 kg	Il-Greċja Spanja L-Italja Il-Portugall

Laringė	Salustiana Navelinas Navelate	Daqs 3-6, pakketti ta' madwar 10-20 kg	Il-Greċja Spanja L-Italja Il-Portugall
	Lanelate Valencia late		
	Tarocco		
	Navel		
Pastard	It-tipi u l-varjetajiet kollha	Daqs 16-20 cm	Il-Ġermanja Spanja Franza L-Italja Il-Polonja
Brunġiel	It-tipi u l-varjetajiet kollha	Daqs 40+/70+	Spanja L-Italja Ir-Rumanija
Dulliegħ	It-tipi u l-varjetajiet kollha	l-istandards tas-soltu fis-suq rappreżentattiv	Il-Greċja Spanja L-Italja L-Ungerija Ir-Rumanija
Bettieħ	It-tipi u l-varjetajiet kollha	l-istandards tas-soltu fis-suq rappreżentattiv	Il-Greċja Spanja Franza L-Italja"